



Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15507/23

LIMITE

DATA PROTECT 312
JAI 1486
DIGIT 264
MI 987
FREMP 329

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill u sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) - Approvazzjoni

1. Skont l-Artikolu 97 tal-GDPR, minn Mejju 2020, kull erba' snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament. Il-GDPR jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni, meta twettaq l-evalwazzjoni u r-rieżami tagħha, tqis il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u ta' korpi jew sorsi rilevanti oħra.

2. Bil-ħsieb li theggi l-pożizzjoni tal-Kunsill u s-sejbiet dwar l-applikazzjoni tal-GDPR, il-Presidenza fasslet test imsejjes fuq il-kummenti pprovduti mill-Istati Membri wara sensiela ta' skambji ta' fehmiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-24 ta' Lulju, it-12 ta' Settembru u l-11 ta' Ottubru 2023. B'mod partikolari, l-Istati Membri ntalbu jidentifikaw oqsma jew setturi fejn jista' jitqies li l-GDPR għe implimentat b'mod effettiv, jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni Prattika fil-livell nazzjonali, jieħdu kont tad-dimensjoni internazzjonali tal-GDPR u jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tal-GDPR fil-konfront ta' kumpaniji mhux tal-UE attivi fis-suq tal-UE.
3. Abbażi ta' dik il-ħidma preparatorja u wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri mnedija fid-19 ta' Ottubru u t-8 ta' Novembru 2023, id-delegazzjonijiet issa jistgħu jaqblu mat-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill u s-sejbiet dwar l-applikazzjoni tal-GDPR kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill u s-sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

Pożizzjoni tal-Kunsill u sejbiet dwar l-applikazzjoni tal-GDPR**1. INTRODUZZJONI**

- (1) Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-"GDPR")¹ sar applikabbli fil-25 ta' Mejju 2018, filwaqt li ħassar u ssostitwixxa d-Direttiva 95/46/KE. Għandu l-għan li johlq qafas b'saħħtu u aktar koerenti għall-protezzjoni tad-data fl-UE, b'objettiv doppju li jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali, u li jippermetti l-moviment liberu tad-data personali fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 97 tal-GDPR, minn Mejju 2020, kull erba' snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament.
- (3) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha teżamina, b'mod partikolari, l-applikazzjoni u l-funzjonament:
- tal-Kapitolu V dwar it-trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, b'attenzjoni partikolari għad-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 45(3) ta' dan ir-Regolament u d-deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE; u
 - tal-Kapitolu VII dwar kooperazzjoni u konsistenza.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

- (4) Il-GDPR jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu kont tal-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u ta' korpi jew sorsi rilevanti oħra. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll informazzjoni mill-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji.
- (5) Filwaqt li antiċipa l-ewwel evalwazzjoni u rieżami tal-GDPR mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 97, fil-15 ta' Jannar 2020 il-Kunsill adotta l-ewwel *pożizzjoni tal-Kunsill u sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)* fejn iddeskriva l-kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-GDPR li kienu qajmu l-aktar tħassib fl-Istati Membri f'dak iż-żmien, b'mod partikolari fir-rigward ta' 1) l-isfidi biex jiġu determinati jew applikati salvagwardji xierqa fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza; 2) il-ħidma addizzjonali għall-awtoritajiet superviżorji li tirriżulta mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza skont il-Kapitolu VII tal-GDPR, kif ukoll l-implikazzjonijiet f'termini ta' riżorsi ta' dawk il-mekkaniżmi; 3) il-frammentazzjoni mhux prevista tal-leġiżlazzjoni; 4) l-obbligi ġodda għall-kontrolluri u l-proċessuri fis-settur privat introdotti minn ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR; u 5) il-passi li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet superviżorji biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn kontrolluri stabbiliti f'pajjiżi terzi ma jirnexxilhomx jaħtru rappreżentant fl-Unjoni.
- (6) Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (l-"EDPB") u tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jipprovdu gwida, il-Kunsill kien enfasizza wkoll oqsma speċifiċi li għalihom għandha tingħata aktar attenzjoni, b'mod partikolari: l-applikazzjoni tal-GDPR fil-qasam tat-teknoloġiji ġodda kif ukoll il-kwistjonijiet relatati ma' kumpaniji tat-teknoloġija kbira; l-għodod prattiċi għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u assoċjazzjonijiet tal-karità jew volontarji, bħal formola armonizzata għall-kontrolluri u l-proċessuri biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar vjolazzjoni ta' data personali, jew rekord simplifikat tal-ipproċessar, kif ukoll għodod xierqa oħra biex l-SMEs japplikaw il-GDPR minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; arranġamenti ta' ħidma effiċjenti tal-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntiera; u kwistjonijiet relatati ma' sitwazzjonijiet fejn rappreżentant ta' kontrollur jew proċessur stabbilit barra mill-UE ma jkunx jikkonforma mal-obbligi tiegħu.

- (7) Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Il-protezzjoni tad-data bħala pilastru tal-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u tal-approċċ tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali - sentejn ta' applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data", filwaqt li nnotat b'mod partikolari li biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-GDPR, kien importanti li jinħoloq approċċ armonizzat u kultura Ewropea komuni ta' protezzjoni tad-data, u li jitrawwem trattament aktar effiċjenti u armonizzat tal-każijiet transfruntiera. Abbażi tal-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni elenkat sensiela ta' azzjonijiet identifikati bħala meħtieġa biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni tal-GDPR bil-ħsieb li jiġi implimentat u kkomplementat il-qafas legali, li jwassal biex is-sistema ta' governanza l-ġdida tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħha, jiġu appoġġati l-partijiet ikkonċernati, titħeġġeġ l-innovazzjoni, ikompli jiġi żviluppat is-sett ta' għodod għat-trasferimenti tad-data, u tiġi promossa l-konverġenza u żviluppata l-kooperazzjoni internazzjonali.
- (8) Bil-ħsieb li tħejji din it-tieni pożizzjoni tal-Kunsill u s-sejbiet dwar l-applikazzjoni tal-GDPR, u sabiex tikkontribwixxi għat-tieni rapport tal-Kummissjoni mistenni fl-2024, il-Preidenza fasslet test ibbażat fuq kummenti pprovduti mill-Istati Membri wara sensiela ta' skambji ta' fehmiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-24 ta' Lulju, it-12 ta' Settembru u l-11 ta' Ottubru 2023. B'mod partikolari, l-Istati Membri ntalbu jidentifikaw oqsma jew setturi fejn jista' jitqies li l-GDPR ġie implimentat b'mod effettiv, jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni Prattika fil-livell nazzjonali, jieħdu kont tad-dimensjoni internazzjonali tal-GDPR u jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tal-GDPR fil-konfront ta' kumpaniji mhux tal-UE attivi fis-suq tal-UE.
- (9) Il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Kunsill abbażi ta' din il-ħidma preparatorja ġew deskritti u miġbura fil-qosor f'dan id-dokument. Minbarra l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni fl-2020, il-Kunsill ħa nota wkoll tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tal-GDPR², ippreżentata f'Lulju 2023, li bħalissa qed tiġi diskussa wkoll fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tad-Data.

² COM/2023/348 final

- (10) Il-Kunsill jenfasizza l-fatt li din hija l-ewwel opportunità biex il-GDPR jiġi evalwat fuq perjodu sostanzjali ta' aktar minn ħames snin minn meta bdiet l-applikazzjoni effettiva tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 97 tiegħu. Konsegwentement, din il-pożizzjoni tibbenefika minn esperjenza aktar sinifikanti mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-GDPR. L-esperjenza Prattika tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-infurzar u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-GDPR, l-adozzjoni ta' gwida u deċiżjonijiet vinkolanti mill-EDPB, kif ukoll id-deċiżjonijiet rilevanti tal-qrati - inkluż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) - jistgħu jiġu enfasizzati wkoll bħala elementi importanti meqjusa. Barra minn hekk, l-isfidi, it-tħassib u l-punti ta' attenzjoni identifikati mill-Kunsill fl-2020, kif ukoll il-lista ta' azzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni sussegwenti tagħha, tqiesu wkoll bħala referenzi għall-iżvilupp tal-pożizzjoni u s-sejbiet attwali.
- (11) Kif kien il-każ fl-2020, il-fehma tal-Kunsill hija li jenħtieġ li l-pożizzjonijiet u s-sejbiet tiegħu ma jkunux limitati għas-suġġetti msemmija speċifikament fl-Artikolu 97(2) tal-GDPR. Għaldaqstant, il-Kunsill ikompli jhegġegħ lill-Kummissjoni tiegħu l-opportunità biex fir-rapport li jmiss tagħha tevalwa u tirrieżamina l-applikazzjoni u l-funzjonament tal-GDPR lil hinn minn dak li jissemma speċifikament f'dak l-Artikolu. Firxa komprensiva tal-evalwazzjoni hija ġġustifikata aktar mill-fatt li, mill-aħħar rapport adottat fl-2020, l-esperjenzi prattiċi u l-kontributi mill-partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet rilevanti komplew jiżviluppaw, u x-xenarju regolatorju evolva b'mod sinifikanti, b'diversi strumenti leġislattivi adottati fil-livell tal-UE li għandhom impatt fuq l-ipproċessar tad-data personali u li jinteraġixxu mal-GDPR.

2. KUMMENTI ĠENERALI

- (12) Fil-fehma tal-Kunsill, il-GDPR għadu suċċess. Ir-Regolament wassal għal eżiti pożittivi għall-armonizzazzjoni tad-dritt tal-UE u t-tiżiħ ta' kultura ta' protezzjoni tad-data fil-livell tal-UE u f'dak globali. L-applikazzjoni tiegħu żiedet il-fiduċja u ċ-ċertezza legali, iffaċilitat il-flussi transfruntiera tad-data fl-UE, u b'hekk ibbenefikaw is-suq intern u l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali.

- (13) Ħames snin wara l-bidu tal-applikazzjoni effettiva tiegħu, il-GDPR għadu jirrappreżenta pass importanti li saħħaħ id-drittijiet fundamentali għar-rispett lejn il-ħajja privata u tal-familja, il-privatezza tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, u l-protezzjoni tad-data personali (l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea), billi pprova livell ugwali ta' protezzjoni liċ-ċittadini Ewropej u ppermetta li jkollhom aktar kontroll fuq l-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data ssaħħu u s-sensibilizzazzjoni, l-għarfien u l-fehim tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data żdiedu fost il-pubbliku ġenerali. Il-GDPR kellu effett pożittiv fuq it-trasparenza u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-suġġetti tad-data, kif rifless fiż-żieda fl-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, inkluż daww għodda tagħhom.
- (14) Issaħħew fil-prattika wkoll il-garanziji għal-legalità tal-ipproċessar tad-data personali u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR qdied rwol sinifikanti fiż-żieda tat-trasparenza u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali. Il-kontrolluri u l-proċessuri huma aktar konxji tal-obbligi tagħhom u mill-konsegwenzi ta' pproċessar li ma jkunx jikkonforma mal-GDPR. L-entitajiet soġġetti għall-GDPR saru aktar responsabbli u, iġenerali, l-isforzi ta' konformità kellhom ukoll impatt pożittiv fuq il-governanza tad-data fl-organizzazzjonijiet.
- (15) Madankollu, il-Kunsill iqis li għad hemm sfidi prattiċi fl-implimentazzjoni kemm għall-organizzazzjonijiet privati kif ukoll għal daww pubbliċi, u li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-GDPR xorta tibbenefika minn aktar ċarezza u gwida sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċertezza legali. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tar-Regolament tqis ukoll, kif xieraq, tal-piż ta' ċerti dispożizzjonijiet meta jiġu applikati minn entitajiet iżgħar bħall-SMEs u l-awtoritajiet lokali, kif ukoll organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bħall-assoċjazzjonijiet volontarji, filwaqt li tesplora opportunitajiet biex tkompli tappoġġahom biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li l-EDPB jew l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali joffru gwida speċifika orjentata lejn dawn il-gruppi u li jsiru sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-prinċipji, il-kunċetti legali u d-drittijiet tal-GDPR ikunu jistgħu jiġu interpretati, mifhuma u applikati b'mod effettiv fl-Unjoni kollha.

- (16) It-trawwim tal-fiduċja fil-flussi transfruntiera tad-data jikkostitwixxi element ewlieni f'ambjent dejjem aktar diġitalizzat u l-GDPR kellu impatt pożittiv minn din il-perspettiva. F'termini ta' flussi internazzjonali tad-data, il-GDPR kien strumentali fil-pożizzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala parametru referenzjarju u standard ta' referenza internazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza lil hinn mill-fruntieri tal-UE. L-iżvilupp ulterjuri tal-għodod ta' trasferiment tad-data, li jistgħu jiġu implimentati b'mod prattiku u faċli mill-kontrolluri tad-data, huwa wkoll aspekk importanti biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali trasferita lejn pajjiżi terzi filwaqt li jiġu ffaċilitati l-flussi internazzjonali tad-data.
- (17) Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kisba tal-istabbiliment u t-tħaddim ta' mudell regolatorju ġdid bis-saħħa tal-istabbiliment tal-EDPB u ta' aktar kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza kellu impatt pożittiv fil-kisba ta' interpretazzjoni konsistenti tal-GDPR. Żdiedet ukoll il-kooperazzjoni fl-infurzar u d-deċiżjonijiet meħuda fil-konfront tal-kontrolluri tad-data jikkontribwixxu fl-irfiġh tar-responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati u tal-protezzjoni tal-individwi. Il-Kunsill jappella biex ikomplu l-isforzi u l-inizjattivi f'din id-direzzjoni, inkluż f'termini ta' riżorsi, u biex jiġu indirizzati l-isfidi li fadal.
- (18) Minn meta l-GDPR sar effettiv, ġew adottati diversi strumenti leġiżlattivi importanti applikabbli għas-settur diġitali, u bħalissa qed jiġu diskussi oħrajn biex jiġu indirizzati prattiki ġodda u teknoloġiji ġodda fis-suq diġitali tal-UE li għandhom impatt fuq l-ipproċessar tad-data personali. Il-Kunsill iqis li huwa kruċjali li tiġi żgurata l-konsistenza mal-GDPR fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti l-ġodda u li l-kooperazzjoni regolatorja għandha tiġi promossa biex jintlaħaq dan l-oġettiv.

3. IL-PRINĊIPJI TAL-GDPR U L-PROTEZZJONI TAD-DRITTIJET TAS-SUĠĠETTI TAD-DATA

- (19) Il-Kunsill iqis li, bħala Regolament ibbażat fuq il-prinċipji, il-GDPR wera l-kapaċità tiegħu li jiżgura r-rispett għal standards komuni fl-ipproċessar tad-data personali fl-Unjoni kollha. Il-prinċipji tal-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-preċiżjoni, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità, u l-irfiegħ tar-responsabbiltà li jiġbor fih il-GDPR u l-applikazzjoni flessibbli tagħhom urew li huma effettivi fil-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u kapaċi jwieġbu għall-iżviluppi u l-bidliet teknoloġiċi. Għalhekk, l-għażla ta' regolament ibbażat fuq prinċipji ewlenin, drittijiet iddedikati għall-individwi u obbligi speċifiċi għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data bil-ħsieb li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tibqa' approċċ regolatorju rilevanti, anke f'kuntast fejn l-ekonomija u s-soċjetà qed isiru dejjem aktar diġitalizzati.
- (20) Il-Kunsill jissottolinja li l-protezzjoni tad-data personali hija komponent vitali ta' innovazzjoni responsabbli u etika, u li f'dan ir-rigward il-GDPR ikkontribwixxa għat-trawwim ta' innovazzjoni affidabbli. Peress li huwa teknoloġikament newtrali, il-GDPR wera li huwa adegwat għall-isfidi ppreżentati mill-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u l-ipproċessar sottostanti tagħhom tad-data personali, filwaqt li jżid il-fiduċja f'soluzzjonijiet u applikazzjonijiet ġodda żviluppati f'ħafna setturi differenti u minn firxa wiesgħa ta' atturi. B'kont meħud ta' dan, il-Kunsill iqis li l-GDPR u l-konformità mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom jiġu promossi bħala faċilitatur ta' innovazzjoni etika li ssir b'responsabbiltà li tista' tintrefa', sabiex jiżdied il-livell ta' fiduċja mistenni miċ-ċittadini u l-konsumaturi u tisfrutta l-protezzjoni tad-data personali bħala assi kompetittiv. Il-Kunsill iqis ukoll li huwa essenzjali kemm għall-applikazzjoni futura tal-GDPR kif ukoll għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali tal-Unjoni li titqies il-ħtieġa li jiġu appoġġati l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda.

- (21) Il-Kunsill iqis ukoll li huwa importanti li jiġi nnotat li l-GDPR ipprova qafas flessibbli li jippermetti l-ipproċessar tad-data personali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi, kif jidher mis-sistemi ta' informazzjoni u l-ġhodod diġitali differenti stabbiliti fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fil-livelli nazzjonali u Ewropej. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol moqdi mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-appoġġ lill-awtoritajiet pubbliċi biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet konformi biex jilqgħu għall-kriżi tal-COVID-19, u jenfasizza l-importanza ta' linji gwida rapidi, affidabbli u konsistenti fl-UE kollha sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza jew kriżi fil-futur li għaliha l-ipproċessar tad-data personali jkun jikkostitwixxi element essenzjali.
- (22) Il-qafas ta' abilitazzjoni tal-fiduċja stabbilit mill-GDPR issarra ukoll f'żieda sinifikanti fl-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data minnhom stess, kif jidher mill-ġhadd ta' talbiet indirizzati lill-kontrolluri u l-ilmenti riċevuti u pproċessati mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali matul dawn l-aħħar ħames snin. Il-kapaċità ta' segwitu għal dawn it-talbiet u l-kapaċità tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jindirizzaw l-ilmenti li rċevew hija element essenzjali biex jiġu żgurati l-applikazzjoni adegwata u konsistenti tal-GDPR u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-suġġett tad-data meta jeżerċita d-drittijiet tiegħu. Il-Kunsill iqis li huwa importanti li tiġi mmonitorjata l-kapaċità tas-suġġetti tad-data li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv, kif ukoll il-perċezzjonijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom skont id-dritt tal-UE.

4. APPLIKAZZJONI TAL-GDPR MINN ORGANIZZAZZJONIJIET PRIVATI

- (23) L-organizzazzjonijiet privati li jipproċessaw id-data personali fl-Unjoni żiedu progressivament l-isforzi tagħhom biex ikunu konformi u jerfgħu r-responsabbiltà, li b'hekk wassal mhux biss fi protezzjoni aħjar tad-data personali tal-individwi iżda wkoll f'governanza ġenerali aħjar tad-data fl-organizzazzjonijiet. Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza stabbilit mill-GDPR, li jipprevedi mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz għall-kontrollur tad-data u l-proċessur li jipproċessaw id-data personali f'aktar minn Stat Membru wieħed, ippermetta wkoll aktar ċertezza legali għall-kumpaniji, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi u infurzar konsistenti fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jindika l-importanza ta' linji gwida żviluppati mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-EDPB sabiex tiġi appoġġata u ffaċilitata l-konformità minn organizzazzjonijiet privati u biex jiġu żgurati interpretazzjoni u implimentazzjoni konsistenti tal-GDPR, u jhegġegħ l-iżvilupp ġenerali ta' aktar linji gwida rilevanti.

- (24) Filwaqt li jirrikonoxxi l-impatt pożittiv tal-GDPR fuq il-livell ta' konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, il-Kunsill madankollu jenfasizza li l-konformità ma' dan il-qafas il-ġdid wasslet għal piż addizzjonali fuq organizzazzjonijiet iżgħar, b'mod partikolari l-SMEs, li jistgħu jibbenefikaw minn aktar appoġġ fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' konformità adattati għar-riskju tal-ipproċessar tad-data personali li jwettqu. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-gwida ddedikata għall-SMEs adottata mill-EDPB u diversi awtoritajiet supervizzorji nazzjonali, u jhegġegħ l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod prattiċi ta' implimentazzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u dokumentazzjoni li jirriżultaw mill-GDPR jistgħu jippreżentaw sfida speċifika għal organizzazzjonijiet iżgħar, b'mod partikolari fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jinvolve riskju baxx għas-suġġetti tad-data. Dan huwa partikolarment minnu għall-kontrolluri li l-attivitajiet ewlenin tagħhom ma jinkludux l-ipproċessar tad-data personali jew li l-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom jistgħu jitqiesu li għandhom livell baxx ta' riskju. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ihegġegħ l-iżvilupp ta' għodod prattiċi, bħal mudelli u mudelli ta' klawżoli ta' informazzjoni, u jistieden lill-EDPB jiżviluppa linji gwida mmirati dwar l-obbligu li jinżammu rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar, sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità minn organizzazzjonijiet iżgħar u jittieħed kont tal-volum ta' data personali pproċessata minn dawn l-entitajiet u r-riskju relatat ma' dak l-ipproċessar.
- (25) B'mod aktar ġenerali, il-Kunsill iqis li s'issa l-iżvilupp ta' għodod oħra ta' konformità, bħaċ-ċertifikazzjoni u l-kodiċijiet ta' kondotta, kien limitat, minkejja li dawn jistgħu jappoġġaw u jiffaċilitaw b'mod sinifikanti l-konformità mill-organizzazzjonijiet, inkluż l-SMEs. Għalhekk, il-Kunsill jappella għall-iżvilupp ulterjuri ta' dawn l-għodod u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-EDPB jivvalutaw kif jistgħu jappoġġaw aktar l-adozzjoni rapida tal-kodiċijiet ta' kondotta u ċ-ċertifikazzjoni.

- (26) Ir-rwol tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (UPD) wera li huwa essenzjali biex l-organizzazzjonijiet jikkonformaw mal-GDPR u għall-monitoraġġ tal-ipproċessar u s-salvagwardji implimentati, minħabba l-profilu, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-UPD. Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi d-diffikultajiet li xi setturi jiffaċċaw meta jaħtru l-UPD. Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiġu promossi sforzi fis-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligu tagħhom relatat mal-kompiti u d-dmirijiet tal-UPD.

5. L-APPLIKAZZJONI TAL-GDPR MILL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI

- (27) Il-Kunsill jinnota li l-GDPR kien jinvolvi wkoll sforzi sinifikanti u żviluppi pożittivi fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tad-data personali meta din tiġi pproċessata mill-awtoritajiet pubbliċi, inkluż bl-adattament tal-oqfsa legali nazzjonali. Sabiex ikompli jappoġġa l-konformità mill-awtoritajiet pubbliċi tal-ipproċessar tad-data personali, li xi drabi wassal għal proċessi kumplessi u diffikultajiet fl-interpretazzjoni, pereżempju waqt li jiġu indirizzati l-iskambji tad-data u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi nfushom, il-Kunsill iħeġġeġ lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u, fejn rilevanti, lill-EDPB, biex iqisu l-ispeċifità tal-attivitajiet tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza l-piżijiet u l-isfidi partikolari għall-awtoritajiet lokali, u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet pubbliċi meta jiġu biex jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-data, u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida ddedikata mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data għal dawn iż-żewġ aspetti.

- (28) L-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess skont l-Artikolu 15 tal-GDPR, wassal għal inċertezzi dwar l-applikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u r-relazzjoni tiegħu mad-dritt ta' aċċess għal dokumenti li fihom data personali. F'diversi Stati Membri għe nnutat li l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess spiss għe invokat biex jiġu evitati tariffi applikabbli skont il-liġi ċivili jew amministrattiva nazzjonali meta jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti. Il-Kunsill jinnota li għalhekk kien diffiċli għall-awtoritajiet pubbliċi biex jiddeterminaw jekk għandux jiġi applikat id-dritt ta' aċċess tal-GDPR u sa liema punt, u kif dan jinteraġixxi mad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-livell nazzjonali għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Għalhekk, il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u, fejn rilevanti, lill-EDPB biex jiżviluppaw gwida ddedikata sabiex jirrimedjaw l-inċertezza possibbli u jikkjarifikaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-GDPR f'kuntest bħal dan, filwaqt li jqisu wkoll l-aħħar ġurisprudenza u r-rwoli tal-awtoritajiet nazzjonali meta jiggarrantixxu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti.
- (29) Kien hemm drabi fejn l-awtoritajiet pubbliċi ħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-interpretazzjoni fir-rigward tal-bażi legali skont l-Artikolu 6 tal-GDPR, li tippermetti l-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn tali pproċessar jista' jkun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali skont id-dritt tal-Unjoni, meta l-att legali sottostanti ma jiddeterminax biżżejjed id-dispożizzjonijiet applikabbli għal tali pproċessar. Għalhekk, il-Kunsill iqis li l-istrumenti leġiżlattivi ppromulgati fil-livell tal-Unjoni, meta jikkostitwixxu liġi tal-Unjoni li tipprovdi bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 6 tal-GDPR, għandhom jiddefinixxu b'mod ċar ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jitwettaq tali pproċessar mill-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, il-liġi tal-Unjoni għandha, fejn applikabbli, tfakkar b'mod ċar il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-ipproċessar tad-data personali.

6. MARĠINI GĦAL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI

- (30) Filwaqt li jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-ipproċessar imwettaq minn organizzazzjonijiet privati, il-Kunsill iqis li l-marġini li fadal biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiddefinixxi qafas speċifiku għal ċertu tip ta' attivitajiet ta' pproċessar, pereżempju fir-rigward tal-Artikolu 85 u 86 tal-GDPR rigward il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u d-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali, jibqgħu ta' benefiċċju u rilevanti b'mod partikolari għall-awtoritajiet pubbliċi minħabba l-ispeċifità tal-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom. Tali marġni ġew inklużi b'intenzjoni mill-koleġislaturi meta adottaw il-GDPR u wrew li huma approċċ effettiv, u b'hekk jiġġustifikaw ċertu grad ta' frammentazzjoni, speċjalment f'attivitajiet ta' pproċessar fejn l-Istati Membri għandhom il-ġuriżdizzjoni tagħhom stess jew f'oqsma fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali, bħal f'kuntest ta' impjieg.

7. ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI TA' PPROĊESSAR

- (31) L-aħħar ħames snin ta' applikazzjoni effettiva tal-GDPR għamluha possibbli li jiġu identifikati attivitajiet speċifiċi ta' pproċessar jew dispożizzjonijiet relatati skont il-GDPR li jistgħu jibbenefikaw minn aktar kjarifiki f'termini ta' interpretazzjoni u gwida, bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u koerenti.
- a) L-ipproċessar ta' data personali ta' minorenni: il-Kunsill iqis li l-applikazzjoni effettiva tal-GDPR, u l-protezzjoni speċifika inerenti li għandha tingħata lill-minorenni, jibbenefikaw minn kjarifika ulterjuri tad-dispożizzjonijiet relatati tat-test u b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-GDPR, li jikkonċerna l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kunsens tat-tfal fir-rigward tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. B'mod aktar ġenerali, il-Kunsill jistieden lill-EDPB jiżviluppa gwida ddedikata dwar l-ipproċessar tad-data personali tal-minorenni sabiex jappoġġa u jassisti lill-kontrolluri tad-data fl-isforzi tagħhom biex jiproteġu lill-minorenni.

- b) L-ipproċessar għal finijiet ta' riċerka u arkivjar: il-GDPR fih referenzi u dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' riċerka u arkivjar li jeħtieġ li jiġu applikati bis-sħiħ sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunità tar-riċerka u l-importanza tar-riċerka għas-soċjetà kollha kemm hi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar li, f'konformità mal-Premessa 33 tal-GDPR, spiss ma jkunx possibbli li jiġi identifikat bis-sħiħ l-iskop tal-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' riċerka xjentifika fil-mument tal-ġbir tad-data u li, għalhekk, is-suġġetti tad-data għandhom jitħallew jagħtu l-kunsens tagħhom għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta jikkonformaw ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika. Il-Kunsill iqis li hija meħtieġa kjarifika ulterjuri fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali kemm għal finijiet ta' riċerka kif ukoll ta' arkivjar, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi legali applikabbli u l-kundizzjonijiet għall-kunsens, kif ukoll biex jiġu identifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-EDPB jadotta linji gwida speċifiċi li jappoġġaw l-iżvilupp ta' attivitajiet konformi fl-oqsma tar-riċerka xjentifika u l-arkivjar.
- c) L-ipproċessar mill-qrati li jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom: filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-grupp ta' esperti tagħha dwar ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kunsill iqis li għandha ssir konsultazzjoni ulterjuri f'dan il-qasam, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fil-ġurisprudenza u l-ispeċifikitajiet tal-attivitajiet ta' pproċessar, sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet relatati.

- d) L-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni: il-Kunsill iqis li r-rekwiżiti relatati mal-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni, minħabba l-importanza tagħhom fit-tnaqqis jew il-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mal-ipproċessar ta' data personali u r-referenzi għal tali kunċetti f'biċċiet oħra tad-dritt tal-UE, jibbenefikaw minn kjarifika ulterjuri sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv mill-kontrolluri u l-proċessuri. Il-Kunsill għalhekk jistieden lill-EDPB jadotta linji gwida komprensivi dwar l-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni, biex jiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni konsistenti fil-livell tal-UE, u b'mod partikolari jipprovdi kjarifiki tal-kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti u l-bażi legali għal tali attivitajiet ta' pproċessar.
- e) It-tfassil ta' profili u l-punteġġ: l-ipproċessar tad-data personali li jirriżulta fit-tfassil ta' profili u l-punteġġ għall-individwi qed jinfirxu dejjem aktar f'ħafna setturi u applikazzjonijiet u huma integrati f'ħafna soluzzjonijiet teknoloġiċi. Dawn jistgħu jinvolve riskji sinifikanti għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, inkluż konsegwenzi fuq is-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Tali attivitajiet ta' pproċessar ġew indirizzati f'diversi strumenti leġiżlattivi adottati reċentement fil-livell tal-UE. Għalhekk, il-Kunsill jirrakkomanda li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR applikabbli għat-tfassil ta' profili u l-punteġġ, u li jiġi vvalutat jekk il-qafas legali attwali u l-applikazzjoni tiegħu humiex effettivi fil-protezzjoni tas-suġġetti tad-data jew jeħtiġux aktar gwida u titjib biex jiġu limitati b'mod ċar l-attivitajiet ta' tfassil ta' profili u ta' punteġġ.

- f) Skambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi: Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-aċċess għall-informazzjoni għal finijiet tal-infurzar tal-liġi, u biex jinkiseb bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data personali u s-sigurtà interna, il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi jiġu żgurati kemm għall-atturi privati kif ukoll għal dawk pubbliċi li għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom japplika l-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi legali li tippermetti tali skambju ta' informazzjoni. Il-kundizzjonijiet li taħthom il-kontrolluri tad-data, li għall-ipproċessar tagħhom tad-data personali japplika l-GDPR, ikunu jistgħu jiżvelaw tali data personali lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom ikunu ċari, u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tas-suġġett tad-data skont il-GDPR u d-drittijiet fundamentali għandu jkun garantit.

8. MEKKANIŻMU TA' KOOPERAZZJONI U KONSISTENZA

- (32) Il-Kunsill iqis li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza stabbilit mill-GDPR wassal għal kooperazzjoni sostnuta u effiċjenti bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u li l-istabbiliment tal-EDPB u l-proċeduri relatati tiegħu għandhom jitqiesu bħala kisba pożittiva, kif muri mill-għadd ta' deċiżjonijiet finali dwar każijiet transkonfinali adottati matul l-aħħar ħames snin.
- (33) Il-Kunsill jenfasizza li l-infurzar effettiv tal-GDPR, inkluż fir-rigward tal-kontrolluri internazzjonali tad-data fuq skala kbira, huwa element essenzjali għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data. Filwaqt li ġew identifikati sfidi ta' infurzar u għad fadal minnhom, il-Kunsill jieħu nota tal-proposta reċenti tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tal-GDPR, li ser tiġi eżaminata skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

- (34) L-iżvilupp ta' gwida konsistenti għall-UE kollha kien kruċjali wkoll għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-GDPR, u l-Kunsill iqis li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-EDPB qdew rwol importanti f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu riveduti l-linji gwida eżistenti, meta meħtieġ u b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza, u l-ħtieġa li tkun tista' ssir konsultazzjoni effettiva u komprensiva mal-partijiet ikkonċernati kollha qabel l-adozzjoni ta' linji gwida speċifiċi.

9. TRASFERIMENTI INTERNAZZJONALI U D-DIMENSJONI ESTERNA TAL-GDPR

- (35) Fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi, il-Kunsill jenfasizza li l-iżvilupp ta' kwalunkwe għodda futura għat-trasferiment tad-data jrid jibqa' protettiv biżżejjed tad-data personali tal-individwi fl-UE u jikkonforma mar-rekwiżiti kif stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-QĠUE, u b'hekk jiżgura protezzjoni effettiva għall-individwi u ċertezza legali għall-kontrolluri tad-data.
- (36) Il-Kunsill iqis li d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont l-Artikolu 45 tal-GDPR huma għodda essenzjali li tiffaċilita u trawwem flussi internazzjonali ta' data b'fiduċja u li tagħmel il-mudell Ewropew tal-protezzjoni tad-data magħruf bħala punt ta' riferiment fuq livell dinji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżid it-trasparenza tal-proċess ta' valutazzjoni tagħha u tippreżenta strateġija komprensiva u koerenti għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza futuri, li għandha tesplora wkoll l-opportunitajiet u l-benefiċċji ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza settorjali jew subnazzjonali. Il-Kunsill jenfasizza li r-rieżami li għaddej ta' deċiżjonijiet preċedenti ta' adegwatezza adottati mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE għandu jitlesta bħala prijorità, anke sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġija futura tal-UE dwar l-adeqwatezza.

- (37) Il-Kunsill jirrikonoxxi l-benefiċċji ta' għodod oħra ta' trasferiment previsti skont il-GDPR u jqis li l-linji gwida tal-EDPB f'dan il-qasam urew li huma utli, b'mod partikolari fir-rigward ta' klawżoli kuntrattwali standard. Madankollu, il-Kunsill jinnota li ċerti għodod ta' trasferiment ma ntużawx bis-sħiħ minħabba n-nuqqas ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp tagħhom u l-komplessità tal-proċess għall-adozzjoni tagħhom. Tip speċifiku ta' trasferimenti, b'mod partikolari lil kontrolluri jew proċessuri tad-data li mhumex stabbiliti fl-UE iżda li l-GDPR japplika għall-attivitàjiet ta' pproċessar tagħhom, jibbenefikaw minn għodod ta' trasferiment iddedikati, li l-iżvilupp tagħhom għandu jiġi esplorat aktar. Għalhekk, il-Kunsill iqis li għandhom jiġu mħeġġa aktar gwida u appoġġ biex jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-użu ta' għodod ta' trasferiment, bħal kodiċi ta' kondotta, ċertifikazzjonijiet u regoli korporattivi vinkolanti, inkluż billi jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' adoxxjoni u approċċ speċifiku għas-settur.
- (38) Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi bħala essenzjali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data. L-iżvilupp ta' networks, fejn kooperazzjoni bħal din tista' tiġi stabbilita aktar, u l-adoxxjoni ta' strumenti ddedikati għall-kooperazzjoni u l-infurzar internazzjonali jistgħu jsaħħu l-applikazzjoni komprensiva u konsistenti tal-GDPR fl-ekonomija diġitali globalizzata.
- (39) Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi li fadal relatati mal-infurzar tal-GDPR għall-kumpaniji li mhumex stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, u dan iqajjem tħassib dwar il-kundizzjonijiet ekwivalenti mal-kontrolluri stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u l-protezzjoni effettiva tal-individwi. Il-Kunsill jistieden lill-EDPB u lill-Kummissjoni Ewropea jesploraw l-opportunità li jiżviluppaw strumenti ddedikati, jew li jiddependu fuq daww eżistenti, sabiex jiffaċilitaw l-infurzar tal-GDPR f'każijiet bħal dawn.

10. ARTIKOLAZZJONI BEJN IL-GDPR U ATTI LEĠIŻLATTIVI OĦRA TAL-UE, B'MOD PARTIKOLARI R-REGOLAMENTI L-ĠODDA APPLIKABBLI GĦAS-SETTUR DIĠITALI.

- (40) Il-Kunsill jenfasizza li, mill-2018, l-Unjoni Ewropea adottat biċċiet ġodda ta' leġiżlazzjonijiet li l-implimentazzjoni tagħhom tista' tinteraġixxi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward ta' oqfsa legali ġodda applikabbli għas-settur diġitali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza u li fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, ix-xenarju legali tal-UE ma jitħalliex jiġi fframmentat. Għal dak l-għan, kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida tal-UE li jkun fiha dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data personali għandha tkun konsistenti mal-GDPR u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE.
- (41) Sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni bla waqfien u effettiva tal-GDPR, il-Kunsill jirrakkomanda lill-EDPB jadotta, meta jkun meħtieġ, opinjonijiet u linji gwida ddedikati biex jikkjarifika kif id-dispożizzjonijiet tal-GDPR għandhom jiġu applikati minħabba obbligi ġodda li jirriżultaw minn biċċiet oħra tad-dritt tal-UE. Din tibqa' kwistjoni rilevanti ħafna li għandha tiġi indirizzata, mhux l-inqas fir-rigward ta' leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għas-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA), l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), l-Att dwar il-Governanza tad-Data (DGA), l-Att dwar id-Data, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-IA), fost oħrajn), iżda wkoll fir-rigward tal-leġiżlazzjoni f'oqsma oħra bħad-data miftuħa, l-infurzar tal-liġi, iċ-ċibersigurtà jew il-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iqis li l-kooperazzjoni fost ir-regolaturi rilevanti hija ta' importanza ewlenija biex jiġu żgurati implimentazzjoni effettiva u ċertezza legali.

11. KONKLUŻJONIJIET

- (42) Ħames snin wara l-bidu tal-applikazzjoni effettiva tal-GDPR, il-Kunsill iqis li għadu, b'mod ġenerali, qafas legali xieraq għall-protezzjoni tad-data personali tal-individwi fl-Unjoni u jenfasizza l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq evalwazzjoni ġenerali u komprensiva fir-rigward tal-applikazzjoni u l-funzjonament tagħha fir-rapport li jmiss tagħha.
- (43) Il-Kunsill jenfasizza li l-GDPR ipprova b'suċċess livell ogħla ta' protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni kollha u li l-implimentazzjoni tiegħu fl-organizzazzjonijiet ħolqot kultura msaħħa ta' protezzjoni tad-data u kunsiderazzjoni akbar għall-governanza tad-data kollha kemm hi. Meta titqies l-influwenza pożittiva tal-GDPR fil-livell globali, il-Kunsill iqis li għandhom isiru sforzi biex jiġi promoss ir-Regolament bħala faċilitatur ta' innovazzjoni etika li ssir b'responsabbiltà li tista' tintrefa' fl-ekonomija diġitali.
- (44) Il-Kunsill iqis li l-marġini li tħallew għal-leġiżlazzjoni nazzjonali biex tiddefinixxi qafas speċifiku għal ċertu tip ta' attivitajiet ta' pproċessar jibqgħu ta' benefiċċju, rilevanti, u wrew li huma approċċ effettiv.
- (45) Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq l-evalwazzjoni li jmiss tagħha billi tqis l-isfidi li fadal għall-organizzazzjonijiet kemm pubbliċi kif ukoll privati, filwaqt li tenfasizza l-importanza ta' gwida rilevanti u għodod prattiċi li għandhom jiġu żviluppati mill-EDPB u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa għal kjarifika u gwida ulterjuri li tkun konċiża, Prattika u li tintfieh hem faċilment, kif imsemmi f'din il-pożizzjoni.

- (46) It-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi u d-dimensjoni internazzjonali tal-GDPR jibqgħu ta' importanza ewlenija, b'mod partikolari minħabba l-globalizzazzjoni tal-ekonomija diġitali u l-iżviluppi teknoloġiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tlesti r-rieżami tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza eżistenti bħala prijorità u biex tippreżenta strateġija komprensiva għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza futuri. L-iżvilupp ulterjuri ta' għodod oħra għat-trasferiment tad-data skont il-GDPR għandu jitqies ukoll bħala prijorità.
- (47) Il-Kunsill iqis li l-applikazzjoni effettiva tal-GDPR għandha tiġi evalwata wkoll fil-kuntest ta' teknoloġiji ġodda u żviluppi leġiżlattivi ulterjuri fil-livell tal-UE li jkollhom impatt fuq l-ipproċessar tad-data personali, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-konsistenza, iċ-ċertezza legali u l-protezzjoni effettiva tad-dritt fundamentali tal-individwi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom.
-